L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

28 ta' Marzu 2019
42/2019

## 'BOOST' GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ INSARA F'MALTA

Madwar 130 żagħżugħ u żagħżugħa pparteċipaw f'seminar ta' ġurnata bl-isem ta' 'Boost', li ġie organizzat mill-entità tal-Knisja għaż-żgħażagħ 'MCYN' (Malta Catholic Youth Network). L-attività saret f'Esplora, iċ-Ċentru tax-Xjenza Interattiva, f'Bighi.

L-għan tas-seminar kien li ż-żgħażagħ ikollhom l-opportunità jiddiskutu temi attwali u jaqsmu l-esperjenzi ta' kif iwasslu l-fidi lil żgħażagħ oħra biex ikunu missjunarji tal-Bxara t-Tajba. Għas-seminar attendew żgħażagħ u youth leaders impenjati fil-Knisja minn diversi gruppi taż-żgħażagħ f'Malta u Għawdex. Ħadu sehem ukoll żgħażagħ barranin li jgħixu f'Malta, fosthom Taljani, Ingliżi, Ukreni, Afrikani u mill-Amerika ta' Isfel.

'Boost' tmexxa minn Fr Fabio Attard, Salesjan li huwa impenjat fil-pastorali taż-żgħażagħ madwar id-dinja. Huwa tkellem dwar l-importanza li ż-żgħażagħ li għamlu esperjenza ta' fidi jaqsmu ma' ħaddieħor dan il-ferħ u joħolqu kultura ta' encounter ma' dawk li huma 'l bogħod mill-Knisja. Fr Fabio ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex ma jibżgħux mill-isfidi u jkomplu mexjin 'il quddiem, għaliex kif jisħaq il-Papa Franġisku "iż-żgħażagħ huma l-preżent tal-Knisja u mhux il-futur".

Matul is-seminar is-saċerdot żagħżugħ Fr Giovann Tabone MSSP mexxa workshop dwar kif in-Nisrani jista' jwassal il-Kelma ta' Alla permezz tat-talenti tiegħu.

'Boost' serva ta' follow-up għas-Sinodu tal-Isqfijiet fuq iż-Żgħażagħ, il-Fidi u d-Dixxerniment Vokazzjonali, li sar f'Ottubru li għadda fil-Vatikan. Għal dan is-Sinodu madwar 300 isqof minn madwar id-dinja flimkien mal-Papa Franġisku u għadd ta' żgħażagħ iddiskutew l-aspettattivi, ix-xewqat u l-biżgħat taż-żgħażagħ fid-dinja tal-lum, u l-irwol tagħhom fil-Knisja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**